

**Brussell, 24 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)**

**9947/25**

**COPS 259  
CFSP/PESC 847  
CSDP/PSDC 357  
CIVCOM 152  
MOG 54  
RELEX 717  
JAI 783  
EUBAM LIBYA 15  
PSC DEC 22**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2025)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni  
tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja  
(EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2013/233\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2013/233(1)/oj).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2784<sup>2</sup>, li taħtar lis-Sur Jan VYČÍTAL bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025.
- (3) Fl-24 ta' April 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni ppropona li jiġi estiż il-mandat tas-Sur Jan VYČÍTAL bħala Kap tal-Missjoni tal-EUBAM Libya mill-1 ta' Lulju 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (4) Il-mandat tal-Kap tal-Missjoni attwali ta' EUBAM Libya għalhekk għandu jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' sitt xhur,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/2784 tat-8 ta' Diċembru 2023 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/2/2023) (ĠU L, 2023/2784, 11.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2784/oj>).

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Jan VYČÍTAL bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) huwa estiż mill-1 ta' Lulju 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tkun suġġetta għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-mandat ta' EUBAM LIBYA mill-1 ta' Lulju 2025.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà  
Il-President*

---